**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit Mckeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Seduta ta' l-Erbgha 16 ta' Ottubru 2019**

**Att ta' Akkuza Nru. 09/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v**

**Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe**

**Il-Qorti :**

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fis-06 ta' Mejju 2015 kontra Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe bil-lingwa Ingliza.

**2.** Rat illi b'digriet tal-11 ta' Settembru 2017, il-Qorti Kriminali, bi qbil bejn il-partijiet, u wara li rat l-artikolu 3(d) tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta'

Malta, ordnat illi l-proceduri jinstemghu bil-Malti, u ordnat illi ssir traduzzjoni tal-Att ta' l-Akkuza mill-Ingliz ghall-Malti.

**3**. Rat l-Att ta' l-Akkuza, tradott ghall-Malti, fejn l-Avukat Generali, ippremetta :

**Fl-Ewwel Kap**

Illi fil-bidu t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) l-Pulizija tal-Iskwadra tad-Droga nterċettaw pakkett indirizzat lejn ċertu Charmaine Mizzi li tirresedji f'35, Triq il-Parroċċa, Luqa, liema pakkett kien suspettat li fih drogi llegali. Wara li sar 'controlled delivery' mill-pulizija skont il-ligi, il-pulizija ikkonfermaw il-wasla u tluq tal-istess pakkett fir-residenza li hawn imsemmija aktar il' fuq fl-erbgha (4) ta' Awwissu 2006 u wara li saret tfitxija għall-istess pakkett u għall-kontenut tiegħu l-pulizija ġiet informat minn Charmaine Mizzi li l-pakkett kien għall-ħabib tagħha dan wara li kien talabha biex tirċievi dan il-pakkett f'ismu, u hekk kif tirċeviħ kellha tgħaddih lilu. Irriżulta li dan l-ħabib tas-sinjura Mizzi kien ta' nazzjonalita' Niġerjana, jgħix f'Malta u jismu Isaac Anthony Ugockukwu Unigwe minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala Isaac Unigwe jew l-akkużat f'dawn il-proċeduri.

Mill-investigazzjonijiet irriżulta li fl-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u waqt il-gimgħat ta' qabel, l-akkużat Isaac Anthony Ugockukwu Unigwe, iddeċieda li jibda jittraffika llegalment l-kokaina u l-pjanta tal-cannabis. L-akkużat assoċja ruħu ma' persuni oħra kemm f'Malta u anke barra minn Malta bil-għan li jirċievi pakkett li jkun fih filtru taż-żejt tal-karozza u liema filtru kellu fih kemm ammont konsiderevoli ta kokaina u l-pjanta tal-cannabis biex dawn l-imsemmija drogi jiġu ttraffikati llegalment hawn Malta. Huwa kellu l-istruzzjonijiet biex jgħaddi dawn l-imsemmija sustanzi llegali lil Niġerjan ieħor jgħix f'Malta għall-istess skopijiet illegali. Irriżulta wkoll li somom konsiderevoli kienu ġew trasferiti lejn in-Niġerja mill-akkużat fl-istess data li l-pakkett wasal f'Malta.

Fortunatament l-akkużat kien arrestat mill-pulizija fil-ġurnata li l-pakkett wasal wara li Charmaine Mizzi ltaqet mal-akkużat u għadditlu

l-pakkett li kienet għadha kemm irċeviet skont il-ftehim għal dan il-għan u liema pakkett allegatament kien jikkonsisti fil-filtru taż-żejt tal-karozza. Barra minn hekk ġie ikkonfermat ulterjorament li l-filtru taż-żejt f'dan il-pakkett kien fil-fatt jikkonsisti fil-kokaina u l-pjanta tal-cannabis, it-tnejn li huma sustanzi illegali skont is-sistema legali tagħna fl-ammonti ta' 191.49 grammi u 688.9 grammi rispettivament, b'livell ta' purità ta' 7.4% u 61% ukoll rispettivament.

Illi b'għemilu bl-intenzjoni kriminali l-imsemmi Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati talli, assoċja ruħu ma persuni oħra f'Malta u ma persuni oħra barra minn Malta sabiex jittraffika d-droga / mediċini perikolużi (kokaina u cannabis) f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

**Għalhekk**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, assoċja ruħu ma persuni oħra f'Malta u ma persuni oħra barra minn Malta sabiex jittraffika droga/mediċina perikolużi (kokaina u cannabis) kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew li ppromova, kkostitwixxa, organizza jew ffinanzja l-assoċjazzjoni; talab li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u għal multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlitt mija u tletin ewro (€2,330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, u ħames mitt ewro (€116,500), skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 8(a), 8(b), 8(d), 8(e), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(3B) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Preikolużi u r-regolament 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (A. L.292/39), u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fit-Tieni Kap**

Illi minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi li ġraw fl-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u waqt il-gimgħat ta' qabel, kif indikat fl-ewwel kap ta'l-att ta' akkuża, irriżulta li l-akkużat intenzjonalment

u xjentament aċċetta li jirċievi l-pakkett li kien fih is-sustanzi llegali fosthom il-kokajina fl-ammonti ta' mija u wieħed u disgħin punt disgħa u erbgħin grammi (191.40 grammi) u din id-droga kienet intenzjonata għal terzi partijiet li l-akkużat kien konxju tagħhom flimkien ma' dawk assoċjati miegħu barra minn Malta. Fil-fatt l-akkużat ikkonferma li huwa kien għamel arranġamenti mal-ħabiba tiegħu Charmaine Mizzi sabiex l-pakkett jkun impurtat lilha u hekk kif hija tirċevih hija kellha tgħaddih lill-akkużat, da parti tiegħu u xjentement, kellu jgħaddi l-kontenut tal-pakkett flimkien mad-droga lil terza persuna hawn Malta sabiex tkompli ttraffikar. Effettivament din l-istess droga waslet, tant li l-akkużat kien ġie arrestat meta' rċieva l-istess pakkett u hekk kif dan l-istess pakkett kien mgħoddi lill-akkużat minn Charmaine Mizzi. Li kieku l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija ma indunatx bil-kontenut tal-pakkett u kieku l-pulizija ma intraċċawx għand min kien intenzjonat li jasal dak il-pakkett, l-kontenut tiegħu kien jkun trasferit lil terzi persuni f'Malta, u kien jiġi ttraffikat għal qligħ finanzjarju.

Id-droga kokaina hija droga perikoluża speċifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ma kellux fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni valida għall-importazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-istess Liġi (Kapitolu 101 tal-Liġi ta' Malta), li b'xi mod tippermetti l-importazzjoni ta' din l-istess droga mill-akkużat.

Illi b'għemilu u bl-intenzjoni kriminali l-imsemmi Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati talli, ġab jew ġiegħel li tinġieb f'Malta b'kull mod li jkun d-droga kokaina, li hija droga specifikata u kkontrollata taħt l-Ewwel Taqsima tal-Ewwel 5 Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġi ta' Malta) meta ma kellux fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni valida għall-importazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-istess liġi.

**<u>Għalhekk</u>**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, ġab jew ġiegħel li tinġieb f'Malta b'kull mod li jkun d-droga kokaina, li hija droga specifikata u kkontrollata taħt l-Ewwel Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġi ta' Malta) meta ma kellux fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni valida għall-

importazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-istess liġi; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u għal multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlitt mija u tletin ewro (€2,330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, u ħames mija ewro (€116,500), skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(3B) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolament 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (A.L.292/39), u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>Fit-Tielet Kap</u>**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien kif indikati fil-kapijiet suesposti ta' dan l-Att ta' Akkuża u cioè fl-erbgħa (4) ta` Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u waqt il-gimgħat ta' qabel deher li l-akkużat volontarjament u xjentament aċċetta li jirċievi l-pakkett li kien fih is-sustanza llegali li tinkludi dik tal-pjanta tal-cannabis fl-ammonti ta' sitt mija tmienja u tmenin punt disgħa grammi (688.9 grammi) liema droga kienet intiża għal terzi persuni li l-akkużat kien konxju tagħhom flimkien ma' dawk assoċjati miegħu barra minn Malta. Fil-fatt l-akkużat ikkonferma li huwa kien għamel arranġamenti mal-ħabiba tiegħu Charmaine Mizzi sabiex l-pakkett jkun impurtat lilha u hekk kif hija tirċievih kellha tgħaddih lill-akkużat, li da parti tiegħu u xjentement kellu jgħaddi l-kontenut tal-pakkett flimkien mad-droga lil terza persuna hawn Malta sabiex ikompli ttraffikar. Effettivament din l-istess droga waslet, tant li l-akkużat kien ġie arrestat meta rċieva l-istess pakkett u hekk kif dan l-istess pakkett kien mgħoddi lill-akkużat minn Chairmaine Mizzi. Li kieku l-Skwadra ta' Kontra d-Droga tal-Pulizija ma indunatx bil-kontenut tal-pakkett u kieku l-pulizija ma intraċċawx għand min kien intenzjonat li jasal dak il-pakkett, l-kontenut tiegħu kien jkun trasferit lil terzi persuni f'Malta, u kien jiġi ttraffikat għal qligħ finanzjarju.

Id-droga tal-pjanta tal-cannabis hija droga perikoluża, speċifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ma kellux fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni valida; għall-akkwist jew biex jipprokura, manifattura, esportazzjoni jew importazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-istess liġi (Kapitolu 101 tal-Liġi ta' Malta), li b'xi mod tippermetti l-importazzjoni ta' din l-istess droga mill-akkużat.

Illi b'għemilu u bl-intenzjoni kriminali fl-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati talli, importa jew esporta, jew ġiegħel li tiġi mportata jew esportata jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tista tiġi mportata jew esportata d-droga pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha (minnbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha).

## Għalhekk

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukw Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, importa jew esporta, jew ġiegħel li tiġi mportata jew esportata jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tista tiġi mportata jew esportata d-droga pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha (minnbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha); jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u għal multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlitt mija u tletin ewro (€2,330) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, u ħames mitt ewro (€116,500), skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(3B) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolament 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern talMediċini Perikolużi (A.L.292/39), u l-artikoli 18, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## Fir-Raba' Kap

Illi barra minn hekk, minħabba n-natura taċ-ċirkostanzi deskritti fl-ewwel kap ta din l-Att ta' Akkuża li ġraw fl-erbgħa (4) ta` Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), fil-ġimgħat ta' qabel, u partikolarment fil-ġurnata li l-akkużat ġie arrestat, waqt it-tfitxija li saret fil-vettura tal-akkużat bin-numru tar-reġistrazzjoni KAW081 bħala parti mill-investigazzjoni li twettqet fl-eżekuzzjoni tal-poteri leġittimi tal-pulizija, instabet biċċa żgħira ta' sustanza kannella, liema sustanza kienet suspettata li kienet cannabis. Meta din is-sutanza ġiet analizzata mill-esperti maħtura mill-qorti ikkonkludew li fil-fatt li s-sustanza kienet raża tal-cannabis fl-ammont ta' zero punt zero sebgħa tnejn grammi (0.072gr), wkoll rappreżentanti sustanza llegali skont il-Liġi tagħna. Irriżulta li l-akkużat ma kellux fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni legal għall-pussess tal-istess sustanza.

Ir-raża tal-cannabis hija speċifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi. Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ma kellux fil-pussess tiegħu liċenzja valida mogħtija lilu bis-saħħa tal-imsemmija liġi, li b'xi mod tippermetti l-importazzjoni ta' din l-istess droga mill-akkużat.

Illi b'għemilu u bl-intenzjoni kriminali fl-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati talli, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transit minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

**Għalhekk**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transit minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tnax-il (12) xahar iżda mhux iżjed minn għaxar (10) snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€ 23,293.73), skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a), 12, 14, 20, 22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(3B) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolament 4 u 9 tar-Regoli tal- 1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (A.L.292/39), u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Fil-Ħames Kap**

Illi skont dak li rriżulta mit-tfittxijiet u l-investigazzjonijiet imwettqa b'konnessjoni mal-fatti kif spjegat fl-ewwel kap ta dan l-Att ta' Akkuża li ġraw fl-erbgħa (4) t'Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), kien instab li l-akkużat kellu fil-pussess tiegħu żewġ passaporti bin-

numri A2975309A u A3344051A liema passaporti allegatament it-tnejn li huma kienu tal-akkużat, iżda dawn kellhom informazzjoni differenti. Meta l-akkużat ġie mistoqsi dwar dan huwa kkonferma li l-passaport bin-numru A2975309A ma kienx passaport awtentiku. Barra minn hekk, meta dawn id-dokumenti kienu analizati minn esperti forensiċi rriżulta li għalkemm dan l-istess passaport kien wieħed ġenwin xorta kien iffalsifikat. Dan għaliex kien fih paġna tal-'bio-data' li kienet sostitwita b'dokument falz. Dan tal-aħħar ma kellux il-karatteristiċi tas-sigurta' liema karatteristiċi jkunu dejjem preżenti f'passaporti li ħareġ b'mod uffiċjali, u b'hekk jkomplu jikkonfermaw il-falsita ta' dan l-istess dokument.

Illi b'għemilu l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati ta' falsifikazzjoni, tibdil jew tbagħbis ta' xi passaport jew li uża jew li kellu fil-pussess tiegħu xi passaport li hu jaf li jkun falsifikat, mibdul jew imbagħbas.

## **Għalhekk**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil ġimgħat ta' qabel, iffalsifika, biddel jew bagħbas xi passaport jew li għamel użu jew li kellu fil-pussess tiegħu xi passaport li huwa kien jaf li kien iffalsifikat, mibdul jew imbagħbas; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda mhux iżjed minn sentejn (2), skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 5 tal-Ordinanza Dwar Il-Passaporti (Kapitlu 61 tal-Liġijiet ta' Malta) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

## **Fis-Sitt Kap**

Illi wara l-arrest tal-akkużat, partikolarment wara li saru t-tfitxijiet minħabba l-okkorrenzi kif deskritti fl-ewwel kap ta din l-Att ta' Akkuża, kif ukoll in vista tal-fatti kif deskritti fil-ħames kap ta' din l-Att ta' Akkuża, meta jitqies li l-akkużat kellu fil-pussess tiegħu passaport falz li fih informazzjoni diverġenti u kif ukoll in vista tal-fatt li l-akkużat xjentament għamel użu minn dan l-istess dokument, Isaac Atnhony Ugochukwu Unigwe fil-produzzjoni u l-użu ta' dan id-

dokumentazzjoni xjentement ta informazzjoni falza li kienet pertinenti għall-identifikazzjoni tiegħu.

Illi b'għemilu l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati li għamel xi dikjarazzjoni falza, jew li ta xi informazzjoni falza, jew li pproduċa xi dokument falz, partikolarment dokument ta' identifikazzjoni skont l-artikolu 14 tal-Att Dwar Il-Karta Tal-Identità u Dokumenti Oħra Tal-Identità, meta kien jaf li dawn huma foloz.

**<u>Għalhekk</u>**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), u fil-ġimgħat ta' qabel, li għamel xi dikjarazzjoni falza, jew li ta xi informazzjoni falza, jew li pproduċa xi dokument falz, partikolarment dokument ta' identifikazzjoni skont l-artikolu 14 tal-Att Dwar Il-Karta Tal-Identità u Dokumenti Oħra Tal-Identità, meta kien jaf li dawn huma foloz; jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn sentejn (2) iżda mhux iżjed minn ħames (5) snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 14, tal-Att Dwar Il-Karta Tal-Identità u Dokumenti Oħra Tal-Identità (Kapitlu 258 talLiġijiet ta' Malta) u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**<u>Fis-Seba' Kap</u>**

Illi għalhekk ukoll bl-arrest tal-akkużat wara l-fatti kif deskritti fl-ewwel kap ta' dan l-Att ta' Akkuża u b'referenza partikolari għall-ħames u s-sitt Kap ta' dan l-istess Att flimkien mal-informazzjoni pprovduta hemmhekk, l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe għamel użu mill-passaport li xjentement kien jaf li kien iffalsifikat (counterfeit), u minħabba l-fatt li l-passaport jikkostitwixxi dokument pubbliku, huwa għamel użu b'mod illegali.

Illi b'għemilu l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe sar ħati li xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza skont l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali (Falsifikazzjoni ta' atti pubbliċi,

kummerċjali jew ta’ bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku).

**Għalhekk**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t’ Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), u fil-ġimgħat ta’ qabel, li xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza skont l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali (Falsifikazzjoni ta’ atti pubbliċi, kummerċjali jew ta’ bank privat minn persuna li ma tkunx uffiċjal pubbliku.); jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xhar (13) iżda mhux iżjed minn erba’ (4) snin, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 184, 183, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

**Fit-Tmien Kap**

Illi għalhekk ukoll skont l-arrest tal-akkużat wara l-fatti kif deskritti fl-ewwel kap ta’ dan l-Att ta' Akkuża u b'referenza partikolari għall-ħames, is-sitt u s-seba’ Kap ta' dan l-istess Att flimkien mal-informazzjoni pprovduta hemmhekk, l-akkużat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe għamel użu mill-passaport li xjentement kien jaf li kien iffalsifikat (forged), u minħabba l-fatt li l-passaport jikkostitwixxi dokument pubbliku, huwa għamel dan b’mod illegali. B’riżultat ta’ dan, l-akkużat ta informazzjoni falza u għamel dikjarazzjoni falza tal-fatti liema informazzjoni kienet intenzjonata biex tintuża mill-awtoritajiet pubbliċi inkluż il-pulizija, li interċettaw dan l-istess dokument waqt l-investigazzjonijiet tagħhom.

Illi b’għemilu l-akkużat Isaac Anthony Ugochuku Unigwe sar ħati talli xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta informazzjoni falza fi kwalunkwe dokument maħsub għal kwalunkwe awtorità pubblika, u dan sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal oħrajn.

**Għalhekk**

l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi, Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati talli, fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006), u fil-ġimgħat ta' qabel, talli xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta informazzjoni falza fi kwalunkwe dokument maħsub għal kwalunkwe awtorità pubblika, u dan sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal oħrajn; jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn (2), jew multa skont dak li hemm stipulat u jintqal flartikoli 188, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat

**4. Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 fejn l-Avukat Generali <u>rtira</u> s-Sitt Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**5**. Rat s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2017 fejn, wara li rat il-verdett tal-gurati ta' dakinhar stess li bih :

**B'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**B'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.**

**B'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe ħati skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.**

**B'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe mhux ħati skont ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża.**

**Il-ġurati unanimament sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe mhux ħati skont il-Ħames Kap tal-Att tal-Akkuża.**

**Il-ġurati unanimament sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe mhux ħati skont is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuża.**

**Il-ġurati unanimament sabu lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe mhux ħati skont it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuża**

Iddikjarat lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe hati talli :

i. **Fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, assoċja ruħu ma persuni oħra f'Malta u ma persuni oħra barra minn Malta sabiex jittraffika droga/mediċina perikolużi (kokaina u cannabis) kontra ddispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew li jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni.**

ii. **Fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, ġab jew ġiegħel li tinġieb f'Malta b'kull mod li jkun d-droga kokaina, li hija droga specifikata u kkontrollata taħt l-Ewwel Taqsima tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġi ta' Malta) meta ma kellux fil-pussess tiegħu awtorizzazzjoni valida għall-importazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-istess liġi.**

iii. **Fl-erbgħa (4) t' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) u fil-ġimgħat ta' qabel, importa jew esporta, jew ġiegħel li tiġi mportata jew esportata jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tista tiġi mportata jew esportata d-droga pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha (minnbarra l-preparazzjonijiet mediċinali tagħha).**

**6**. Rat illi l-Qorti Kriminali, wara li rat l-artikoli 7, 8(b), 8(e), 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i) (3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-

Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regolament 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi (G.N. 292/39), ikkundannat lil Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe għal piena ta' tmien (8) snin priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' ħamest elef euro (€5000). Ukoll wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-ħati li jħallas l-ammont ta' tmint elef u ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€8,001.82) bħala spejjeż inkorsi f'dan il-proċess, b'dan illi jekk l-ispejjeż ma jitħallsux immedjatament, dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija skont tal-liġi. Wara li rat l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati.

**7.** Rat ir-rikors ta' l-appell li pprezenta l-akkuzat Isaac Anthony Ugochukwu Unigwe fl-20 ta' Novembru 2017 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata ghar-raguni indikata fl-ewwel aggravju u tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti ghal prosegwiment skont il-ligi, jew tirriforma l-verdett u thassar s-sentenza appellata billi tikkonferma l-verdett moghti dwar ir-Raba`, il-Hames, is-Seba' u t-Tmien Kapi tal-Att ta' l-Akkuza u thassar u tikkancella l-istess verdett in kwantu jikkoncerna l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi u minflok tirregistra verdetti ta' mhux hati dwar l-istess tlett kapi u fejn ikkundannatu ghal piena ta' tmien (8) snin prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' hamest elef (€5000) ewro kif ukoll li jhallas l-ammont ta' tmint elef u ewro u tnejn u tmenin centezmu (€8001.82) bhala spejjez inkorsi f'dan il-process u fejn ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli w immobbli ohra tal-hati u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

**8.** Rat ir-risposta li pprezenta l-Avukat Generali fis-17 ta' Settembru 2018 fejn talab illi l-aggravji imressqa mill-appellant jigu michuda u s-sentenza appellata ikkonfermata.

**9**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**10**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**11**. Fl-ewwel aggravju, l-appellant jissolleva il-pregudizzjali tan-nullita` tas-sentenza appellata. Ighid l-appellant illi ghalkemm is-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2017, fil-parti decizorja taghha, fiha d-dikjarazzjoni ta' htija ghall-Ewwel, it-Tieni, u t-Tielet Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza, segwita mid-disposizzjonijiet tal-ligi li fuqhom hija imsejsa dina l-htija, u fl-ahhar bil-kundanna tal-piena erogata, madanakollu fis-sentenza hemm nieqsa dikjarazzjoni fejn l-appellant gie liberat minn dawk il-Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza fejn il-verdett kien wiehed ta` liberazzjoni, u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali.

**12**. L-Avukat Generali jilqa' ghal dan l-aggravju billi jishaq illi l-artikolu 487 tal-Kap. 9 citat mill-appellant jittratta unikament il-kaz fejn il-persuna akkuzata tkun giet liberata b'mod assolut mill-Kapi kollha migjuba kontra taghha fl-Att ta` l-Akkuza. Barra minn hekk, il-verdett tal-gurati kien wiehed car, liema verdett gie riprodott fis-sentenza appellata sabiex b'hekk l-appellant seta' jifhem ben tajjeb minn liema akkuzi kien gie liberat u liema kien misjub hati taghhom.

**13**. Il-Qorti ma tistax tikkondividi ghal kollox l-fehma espressa mill-Avukat Generali fir-risposta tieghu ghaliex kull Kap fl-Att ta' l-Akkuza ghandu jitqies b'mod indipendenti, u dan skont dak dispost fl-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali, fejn il-legislatur jitkellem dwar dak li ghandu jkun fih l-Att ta' l-Akkuza fejn ikun hemm ix-xilja ta' reat wiehed biss. Issa meta l-Avukat Generali jkun irid jixli lil persuna b'aktar minn reat wiehed, l-Att ta' l-Akkuza jinqasam f`Kapi separati li madanakollu jibqghu indipendenti minn xulxin irrispettivament minn jekk ir-reati ikunux konnessi jew alternattivi ghal xulxin. Fil-fatt l-artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali jghid li ' ... *l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589*.' Tant hu hekk illi l-artikolu 481 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi :

> **"Jekk fl-istess att ta' akkuża jkun miġjub aktar minn reat wieħed, jew jekk l-akkużati fil-kawża jkunu tnejn jew iżjed, il-ġuri għandu jagħti verdett separat fuq kull reat u għal kull akkużat."**

**14**. Dan maghdud allura kellha tithares mill-Ewwel Qorti r-regola stabbilita fl-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali fejn jinghad illi :

> **"Jekk il-ġuri jiddikjara l-akkużat mhux ħati skont l-artikolu 467(5), il-qorti tiddikjarah meħlus, u, jekk ma jkunx detenut għal raġunijiet oħra, tordna li jiġi illiberat."**

**15**. Dan ifisser allura illi jrid jinghata verdett separat ghal kull Kap daqslikieku kull wiehed kien Att ta' l-Akkuza separata b'dan illi l-Ewwel Qorti kellha necessarjament issegwi id-dettami tal-artikolu 487 u tiddikjara lill-appellant mehlus minn dawk ir-reati/akkuzi li dwarhom hu gie iddikjarat mhux hati fil-verdett.

**16**. Madanakollu l-ligi ma tispecifikax il-mod kif ghandha issir tali dikjarazzjoni, ghalkemm il-prassi hija illi din issir fis-sentenza tal-Qorti Kriminali wara il-pronunzjament tal-verdett tal-gurija. Dan qed jinghad ghaliex l-*iter* li ghandu jsegwi l-guri wara l-pronunzjament tal-verdett huwa ben definit fil-ligi. Illi kif inghad jekk ikun hemm dikjarazzjoni ta' "mhux hati", kif jinghad fl-artikolu 467(5) tal-Kodici Kriminali, il-qorti tghaddi biex tiddikjara mehlusa lill-persuna akkuzata, skont l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali. Izda meta jkun hemm dikjarazzjoni ta' htija, il-qorti ma tghaddix minnufih ghas-sentenza izda jrid ikun segwit l-*iter* stabbilit fl-artikolu 489 et seq. tal-Kodici Kriminali u dan sabiex tigi determinata l-piena. Wara dan, il-Qorti Kriminali ghandha tghaddi minnufih ghas-sentenza,kif stabbilit fl-artikolu 491 tal-Kodici Kriminali.

**17**. Fil-fatt taht is-Sezzjoni V, Taqsima I, tat-Tieni Ktieb, tal-Kap 9, li jitkellem dwar il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u specifikatament fl-artikolu 497, il-kelma "sentenza" hija definita b'dan il-mod :

> **"il-kelma 'sentenza' tinkludi kull ordni tal-qorti magħmul fuq dikjarazzjoni ta' ħtija b'riferenza għall-persuna misjuba ħatja u s-setgħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali li tagħti sentenza tinkludi setgħa li tagħmel ordni bħal dak."**

**18**. Dan allura igib fix-xejn il-pregudizzjali imqanqla mill-appellant ghaliex is-sentenza tal-Qorti Kriminali hija legalment valida ladarba fiha dik l-ordni maghmula wara d-dikjarazzjoni ta' htija fejn il-Qorti ghaddiet ghall-kundanna fil-konfront tal-appellant, wara li kienet segwita l-procedura mahsuba fl-artikolu 489 et seq. kif imfisser. Illi allura ghalkemm huwa minnu illi l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara lill-appellant hieles minn dawk l-akkuzi fejn kien hemm verdett ta' liberazzjoni, madanakollu l-ligi ma

tispecifikax kif dan ghandu isir ghalkemm il-prassi hija illi din issir mas-sentenza finali.

**19**. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, madanakollu huwa indubitat illi hemm karenza fil-procedura segwita mill-Qorti Kriminali fis-sens illi naqqset milli tiddikjara lill-appellant mehlus minn dawk l-akkuzi fejn il-verdett kien wiehed ta' "mhux hati", u cioe' ta' dawk l-akkuzi li jitkellmu dwarhom, ir-Raba', il-Hames, is-Seba' u t-Tmien kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza. Illi din l-Qorti qed tafferma dan wara li ezaminat l-atti u b'mod specjali il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017 minn fejn huwa evidenti li din id-dikjarazzjoni qatt ma saret la fil-verbal u lanqas fis-sentenza finali.

**20**. Din hija qorti ta` revizjoni u ghalhekk trid tara, f'dan l-istadju, jekk ghandhiex is-setgha hija stess taghti r-rimedju li fl-ahhar mill-ahhar huwa mixtieq u imfittex mill-appellant u cioe' li huwa jigi illiberat minn dawk l-akkuzi fejn il-verdett kien wiehed ta` liberazzjoni.

**21**. Issa s-setghat moghtija lil din il-Qorti, bhala qorti ta` revizjoni, fil-kaz ta` appell li jsir mill-persuna akkuzata huma delineati fl-artikolu 500 tal-Kodici Kriminali meta jintalab il-bdil kemm fil-verdett kif ukoll fis-sentenza appellata u dan f'dawk il-kazijiet fejn ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija :

> **"Persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuża tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali kontra d-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha fil-każijiet kollha jew kontra s-sentenza mogħtija fuq id-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha kemm-il darba s-sentenza ma tkun xi waħda ffissata bil-liġi"**

**22**. Illi huwa biss l-Avukat Generali allura li ghandu il-jedd li jappella kontra liberazzjoni u dan fit-termini tas-subinciz 2 ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, b'dan ghalhekk illi l-akkuzat jista' iqajjem kritika diretta lejn is-sentenza appellata meta din tkun biss wahda ta' htiija.

**23**. Premess illi hemm karenza fl-*iter* li kien segwit mill-Qorti Kriminali billi ma kienx konformi ma' dak dispost fl-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, kif jikkontendi l-appellant, fl-istess waqt minn qari ta' l-artikolu 500 jirrizulta li l-appellant huwa prekluz milli jattakka din il-karenza ghaliex il-ligi ma taghtix jedd ta` din ix-xorta lill-appellant. Huwa biss l-Avukat Generali li ghandu il-jedd li jappella minn verdett ta' liberazzjoni. Fil-kaz tal-lum, l-Avukat Generali ma pprezentax appell.

**24**. L-artikolu 502 tal-Kodici Kriminali, ghalkemm ma jikkontemplax sitwazzjoni identika ghal dik in dizamina, jaghti setgha lill-Qorti tal-Appell li tmur lura jew tvarja verdett jew sentenza, u li taghti dik is-sentenza li hija konformi aktar mal-verdett moghti. Mhux biss izda l-Qorti ghandha dejjem is-setgha li taghmel dak kollu li jidhirilha espedjenti fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi dan maghdud allura ghalkemm ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi *ad hoc* li tirregola in-nuqqas ravvizat mill-appellant fl-ewwel aggravju minnu intentat, il-Qorti hija il-fehma illi ghandha xorta wahda s-setgha illi tissana n-nuqqas li hemm fl-*iter* processwali f'dan l-istadju ta' revizjoni, liema nuqqas bl-ebda mod ma jista' jaffettwa la l-verdett u lanqas is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li t-tnejn gew moghtija skont il-ligi, izda biss sabiex l-appellant jigi iddikjarat mehlus mill-Qorti minn dawk l-akkuzi fejn kien hemm verdett ta' liberazzjoni. Il-Qorti tqis ukoll li ghandha thares il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju kif ukoll thares il-jedd tal-appellant li jkollu smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli bil-proceduri ma jitwalux inutilment.

**25. Ghal dawn il-motivi l-ewwel aggravju qed jigi michud, b'dan illi l-Qorti sejra tghaddi biex taghmel id-dikjarazzjoni skont kif hemm mahsub fl-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali konformi mal-verdett milhuq mill-gurija u dan fil-parti decizorja ta' din is-sentenza.**

**Ikkunsidrat :**

**26**. Il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis l-aggravji l-ohra sollevati mill-appellant. Dawn l-aggravji huma marbuta kemm mal-mertu fejn l-appellant jilmenta illi huwa kien misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kaz ghar-reati mahsuba fl-ewwel tlett Kapi tal-Att tal-Akkuza, kif ukoll jilmenta illi fil-kors tas-smigh tal-guri sehhet irregolarita' jew interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi li seta` kellha influwenza fuq il-verdett. B'dan ghalhekk, fil-fehma tieghu, sehhet amministrazzjoni hazina tal-gustizzja sabiex din il-Qorti allura ghandha is-setgha taghtih rimedju skont il-ligi.

**27**. Skont l-appellant, l-ewwel irregolarita' serja sehhet meta x-xhud ewlenija u determinanti ghall-esitu tal-kaz, u cioe' Charmaine Mizzi, kuntrarjament ghar-regola stabbilta fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali, ma xehditx *viva voce*, izda nqrat lill-gurati x-xiehda minnha moghtiija fil-kors tal-kumpilazzjoni u wkoll fl-istqarrija guramentata li rrilaxxjat lill-Magistrat Inkwirenti fil-kors tal-*in genere*.

**28**. Jirrizulta li sar hekk in forza ta' digriet moghti mill-Qorti Kriminali qabel ma gie kompost il-guri fit-18 ta' Ottubru 2017, wara talba li saret mill-Avukat Generali b'rikors ipprezentat fis-16 ta' Ottubru 2017 sabiex tinqara x-xiehda moghtija minn Mizzi, kif hawn fuq inghad, billi din ix-xhud

kienet siefret minn Malta u stabbiliet ir-residenza taghha gewwa l-Olanda. Fil-fatt l-appellant iressaq ukoll talba fir-rikors ta' l-appell tieghu ghar-revoka ta' dan id-digriet.

**29**. Illi l-appellant, *a tempo vergine,* kien oggezzjona ghat-talba tal-Avukat Generali billi dehrlu illi x-xhud setghet tigi rintraccjata u ghalhekk kellha tingieb biex tixhed *viva voce* mill-Prosekuzzjoni wara li tigi hekk notifikata gewwa l-Olanda. Izda l-Ewwel Qorti xortawahda ghaddiet biex tilqa' t-talba tal-Avukat Generali.

**30**. Illi dan maghdud madanakollu jidher illi fil-kors tal-guri meta l-Prosekuzzjoni talbet sabiex tinqara din ix-xiehda, id-difiza ma oggezzjonatx, kif jinsab rifless fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2017 li jaqra testwalment :

> **"Il-Prosekuzzjoni tallbet biex jinqraw u jitqassmu x-xiehda ta' Charmaine Mizzi lill-gurati.**
>
> **Id-difiza ma topponiex.**
>
> **Il-qorti tilqa' t-talba."**

**31**. Imfassal l-*iter* li segwa dan l-ilment tal-appellant u x-xiehda moghtija minn Charmaine Mizzi, din il-Qorti tibda biex tosserva illi l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali ma jirregolax il-mod kif ghandha tingieb a konjizzjoni tal-qorti jew tal-gurati x-xiehda ta' dawk in-nies li ma jingiebux biex jixhdu *viva voce* quddiem il-qorti ghall-motivi msemmija fis-subinciz (2) li jghid :-

**Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:**

**Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda viva voce tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8).**

**32**. Dan ifisser illi ghalkemm ir-regola hija li x-xhieda ghandhom jingiebu quddiem il-qorti sabiex jixhdu *viva voce*, din ir-regola issib eccezzjoni meta fost ohrajn ix-xhud ikun barra minn Malta, kif sehh proprju f'dan il-kaz. Ma hemm l-ebda regola li tistabilixxi, donnu kif qed jimplika l-appellant, illi l-Prosekuzzjoni kellha xi obbligu li tinnotifika lix-xhud barra minn Malta u li taghmel l-arrangamenti necessarji sabiex dik ix-xhud tingieb sabiex tixhed fil-qorti. Illi allura l-Ewwel Qorti setghet fit-termini tar-regola stabbilita fis-subinciz (2) tal-artikolu 646, u wara talba appozita maghmula lilha kif jinghad fis-subinciz 10, tawtorizza illi x-xiehda bil-gurament moghtija mix-xhud fil-kors tal-kumpilazzjoni tingieb bhala prova fil-guri.

**33**. Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji jirrizulta illi Charmaine Mizzi xehdet fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti Istruttorja u cioe' fil-25 ta' Awwissu 2006. F'dik is-seduta l-appellant kien assistit minn avukat u meta allura kien diga' maghruf ghalih l-involviment li kellha Mizzi fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-pulizija, meta din kienet giet awtorizzata tkun parti f'konsenja kkontrollata tad-droga li kellha tasal ghand l-appellant, ghalkemm huwa jibqa' isostni illi kien injar mill-fatt illi kien wasal pakkett bil-posta mill-Ingilterra destinat ghalih. Meta xehdet Charmaine Mizzi f'dik is-seduta, ghalkemm l-appellant, debitament u abbilment assistit, kellu kull opportunita li jaghmlilha l-kontroezami fit-termini tal-artikoli 393 u 405(3) tal-Kodici Kriminali, dan ma ghamlux. Mhux biss izda meta mbaghad gietipprezentata mill-Prosekuzzjoni x-xiehda moghtija minn dik ix-xhud

quddiem il-Magistrat Inkwirenti, lanqas hawn l-appellant ma talab sabiex din ix-xhud tingieb biex jew tixhed mill-gdid jew sabiex isirilha l-kontroezami, ghalkemm kellu kull dritt li jaghmel hekk, kif jipprovdi l-artikolu 405(5) u 406 tal-Kodici Kriminali kemm matul il-kumpilazzjoni kif ukoll wara l-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza.

**34**. Illi l-gurati kellhom quddiemhom kemm il-verzjoni moghtija *a tempo vergine* mix-xhud Charmaine Mizzi quddiem l-Inkwirenti, kif ukoll dik meta xehdet *viva voce* quddiem il-Qorti Istruttorja; b`hekk setghu jiznu l-kredibilita`u l-konsistenza ta' x-xhud. *Di piu* l-appellant irrinunzja ghall-jedd ghas-silenzju u xehed fil-kors tal-guri. Hemm kien f`qaghda li jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti lill-gurati bex b'hekk kellu vantagg fuq ix-xhud ghaliex huwa xehed *viva voce* u kellu c-cans li jiskredita il-verzjoni tal-fatti moghtija mix-xhud Mizzi, kif fil-fatt ipprova jaghmel.

**35**. Premess dan allura ghalkemm "**... bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat**[1]", madanakollu meta dik il-persuna ma tkunx tista' hekk tingieb dak li ghandha thares il-Qorti huwa illi tara li l-jeddijiet tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq jibqghu mhux mittiefsa meta tiddeciedi illi d-deposizzjoni tax-xhieda hekk moghtija ghandha tigi ammessa bhala prova minghajr ma jkun jista' isir dak il-kontroll kif imfisser.

[1] Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003

**36**. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Q.E.D.B. ta` Strasbourg fis-sentenza li tat fl-20 ta` Novembru 1989 fil-kaz ta` **<u>Kostovski v. Netherlands</u>** meta qalet hekk :

***In principle, all the evidence must be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. This does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings***"

**37**. Inghad ukoll mill-istess Qorti f'decizjoni ohra konsimili :

***In itself, the reading out of statements in this way cannot be regarded as being inconsistent with Article 6 §§ 1 and 3 (d) (art. 6-1, art. 6-3-d) of the Convention, but the use made of them as evidence must nevertheless comply with the rights of the defence, which it is the object and purpose of Article 6 (art. 6) to protect. This is especially so where the person "charged with a criminal offence", who has the right under Article 6 § 3 (d) (art. 6-3-d) to "examine or have examined" witnesses against him, <u>has not had an opportunity at any stage in the earlier proceedings to question</u> the persons whose statements are read out at the hearing[2].*** (sottolinjar tal-Qorti)

**38**. Issa ix-xhud Charmaine Mizzi mhux biss ghamlet 'l hekk imsejjah *pre-trial statement*, izda xehdet ukoll *viva voce* matul il-kumpilazzjoni fil-presenza tal-appellant li kien debitament assistit. Illi huwa indubitat

[2] Unterpertinger vs Austria Grand Chamber 21/11/1986 app.no. 9120/08

ghalhekk illi l-jedd ta' kontroll fuq dak mistqarr mix-xhud Mizzi inghata lill-appellant tul il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu.

**39**. Illi ukoll ghalkemm fl-artiklu 646(1) u (2) tal-Kap. 9 jinghad illi bhala regola x-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti "*viva voce*" sabiex il-gurija ikollhom id-dritt illi jiggudikaw lix-xhud fuq il-linji gwida msemmija fl-artiklu 637 tal-Kap. 9, madanakollu fost dawn il-linji gwida hemm dik tal-konsistenza u cioe' kemm xhud izomm ferm fid-depozizzjoni tieghu fid-diversi drabi illi jkun tenut illi jaghti x-xiehda tieghu kemm fl-istadju ta' l-inkjesta, kemm fil-kumpilazzjoni, u f`kull stqarrija ohra li jaghmel lill-ufficjali investigattivi. F`dak il-kaz il-gurija setghet tikkostata l-konsistenza ta' din ix-xhud matul id-deposizzjonijiet varji taghha meta imqabbla ma' dik tal-appellant li xehed *viva voce* fil-guri.

**40. Ghal dawn il-motivi kollha, il-Qorti qeghda tichad l-aggravju u tikkonferma d-digriet li kien inghata mill-Qorti Kriminali fit-18 ta` Ottubru 2017.**

**Ikkunsidrat :**

**41**. L-appellant jilmenta illi fl-indirizz finali l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma spjegax lill-gurati l-varji linji difensjonali prospettati mid-difiza, u b'mod partikolari ma iggwidahomx fir-rigward ta' liema mix-xiehda kellha tinghata importanza partikolari, u kif kellu jsir l-apprezzament tal-provi dwar il-fatti tal-kaz.

**42**. L-appellant jishaq illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ndirizza lill-gurati b'mod u manjiera billi dderigiehom sabiex jaghtu aktar importanza lix-xiehda tal-Assistent Kummissarju tal-Pulizija (fir-rikors ma jghidx min kien!) u tal-akkuzat, izda naqas li jaghmel enfasi partikolari fuq ix-xiehda ta' Charmaine Mizzi fid-drabi li xehdet, meta din tal-ahhar kienet l-unika xhud li rabtet lill-appellant mal-importazzjoni tad-droga mertu tal-kaz.

**43**. Fil-fatt l-appellant igib bhala difiza quddiem il-gurija illi kienet din Mizzi l-awtrici tar-reati marbuta mal-importazzjoni tad-droga, mhux hu. Dan meta, fil-fehma tieghu, Charmaine Mizzi tefghet ir-responsabbilta' kollha fuqu meta xehdet illi l-pakkett li kienet irceviet bil-posta fuq isimha mill-Ingilterra kien fil-fatt destinat ghall-appellant u hi ghamlitlu biss pjacir meta accettat li tircevieh ghandha fir-residenza taghha njara mill-fatt illi dan kien fih id-droga. L-appellant allura jikkontendi illi fl-indirizz, il-gurati kellhom jinghataw direzzjoni dwar l-inkonsistenzi fix-xiehda u d-dikjarazzjonijiet maghmula minn din Mizzi u sabiex jaghmlu evalwazzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet.

**44**. Jilmenta ukoll fir-rigward tad-direzzjoni moghtija mill-Imhallef sedenti l-guri rigward din ix-xhud illi kien hemm nuqqas iehor meta lill-gurati ma kienx spjegat sewwa dak mahsub fl-artikolu 636(3) tal-Kap.9, billi din kienet l-uniku xhud li holqot ness bejn il-pakkett kontenenti d-droga u l-persuna tal-appellant, u allura naqas milli javzahom illi huma kellhom jimxu b'kawtela akbar meta jigu biex jiznu dak li xehdet.

**45**. Fid-dawl ta' dan il-gravam tal-appellant, il-Qorti qieset b'reqqa l-indirizz finali tal-Imhallef lill-gurija. Sabet illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant diversi kienu d-drabi tul dan l-indirizz fejn l-Imhallef gibed l-attenzjoni tal-gurija ghal-linja difensjonali tal-appellant u cioe' li huwa ma

kienx involut f'din il-kongura kriminali ta' importazzjoni ta' droga min-Nigerja u illi kienet Charmaine Mizzi allura li tefghet ir-responsabbilta' fuqu meta ikkonsenjatlu pakkett li ma kienx destinat ghalih.

L-Imhallef sedenti jghid hekk :-

**"Hawnhekk kif ghidna ghandna min xehed darbtejn zgur, kemm fl- inkjesta u kemm hawnhekk, ma nafx jekk kellniex tliet darbiet, ad ogni modo mhux importanti. Pero' f' kull kaz ahna ghandna min xehed fl- inkjesta, min xehed fil-kumpilazzjoni, u min xehed hawnhekk. ....**

**Magistrat jista' wkoll jitlob li jisma' x-xhieda, fil- fatt is-sinjorina Mizzi nstemghet mill-Magistrat Meli, pero' dawn huma kollha biex jigu preservati l- affarijiet."**

**46**. Wara dan, l-Imhallef ighaddi biex jispjega lill-gurati l-kriterji stabbiliti fil-ligi li ghandhom jiggwidaw lil min huwa msejjah biex jiggudika sabiex jaghmel evalwazzjoni tax-xiehda fosthom il-konsistenza, l-imgieba tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda, il-verosimiljanza u l-korroborazzjoni fost ohrajn. B'mod partikolari jinsisti fuq il-kuncett tal-konsistenza f'dak dikjarat mix-xhieda b'mod specjali meta xhud ikun offra d-deposizzjoni aktar minn darba bhal kif sehh fil-kaz ta' Charmaine Mizzi. Ighid :

**"Mela naturalment dan ifisser illi jekk fost ix- xhieda li intom smajtu xi hadd kien inkonsistenti allura intom tridu tohorgu bil-konkluzjoni taghkom: jekk kienx konsistenti mod, jekk kienx inkonsistenti mod iehor. Hawn qed nitkellmu fuq il-logika tal-affarijiet. Ma ahniex qed nivvintawhom hawnhekk l-affarijiet. Hawn ma ahniex qed nivvintaw ir- rota. Hawn qed nimxu fuq kwistjonijiet ta' buon sens ukoll. Jigifieri intom l-Imhallfin tal- fatt u intom tridu taraw jekk ix-xhieda kienux konsistenti, jekk ix-xhieda kienux inkonsistenti, jekk ix-**

**xhieda tawx dettal, jekk ix- xhieda ma tawx dettal, pero' dejjem fl-ottika, jigifieri fil- harsien tar- regola tal- buon sens.**

**Mela jigifieri dan il- fatt ta' l-konsistenza jew inkonsistenza gentilment nitlobkom tiehdu ftit hsieb, dan il- fatt."**

**47**. L-Imhallef ikompli jindirizza lill-gurati hekk :-

**Il-ligi tkompli wkoll fuq kwistjoni ohra u tghid fattizzi ohra tax- xiehda tieghu. Hekk qeghda miktuba. Imma x' inhuma dawn l- affarijiet? Dawn hawnhekk qed nirreferu ghall-kwistjoni ohra li tohrog minn aspett iehor ta' kif inharsu lejn ix-xhieda. Imma x-xhud li xehed ghandu interess f'dak li qed jghid? L- interess tax-xhud fil- kawza. Ma jfissirx illi ma hemmx interess ta' xhud f' kawza, jista' jkollu interess. Meta nghid interess jigifieri jkollu mhux kif ser tinqata' l-kawza, u ifhmuni sew hawnhekk, imma jista' jkollu sitwazzjoni fejn x'jaqbel lilu, ejja naghmluha hekk l-interess, x' jaqbel lilu. Jigifieri l-fattizzi, din tista' tkun wahda mill- fattizzi ohra tal-kaz, imma x- xhud li xehed hawnhekk kellu interess? U huwa ghall-kwistjoni ta' l-interess iz-zewg partijiet accennaw ghal xi xhieda li seta' kellhom interess. Jien inhalli f' idejkom ghax dik hija kwistjoni ta' fatt, mhix kwistjoni ta' ligi. Allura intom tridu tiddeciedu fuq din l-kwistjoni jekk xhud ghandux interess jew le.**

**48**. Illi l-Imhallef hawnhekk ghalkemm b'mod generali u indirett, u dan bl-iskop li ma jinfluwenzax lill-gurija meta jigu sabiex jaghmlu l-evalwazzjoni taghhom tal-fatti tal-kaz, jaghmel referenza ghall-interess li jista' jkollu xhud li jixhed certu fatti u ghalhekk ghal dak li kienu qed jikkontendu kemm il-prosekuzzjoni u id-difiza dwar certu xhieda b'mod specjali allura ghal dak minnhom allegat fil-konfront, minn naha tal-prosekuzzjoni, tal-persuna tal-akkuzat, u min-naha tad-difiza, ghal dak li kienu qed jallegaw fil-konfront ta' Charmaine Mizzi. Fil-fatt ighaddi imbaghad biex jispjegalhom x'kienu dawn il-linji mehuda kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghhom. Ighid :

**Pero' x' qed tghidilna d- Difiza? Id-Difiza qed tghid oggett caru l-hin kollu tghidu dan: dak il- pakkett mhux tieghi. Mela intom jigifieri tridu taghmlu din l- analizi. Jekk intom tahsbu li l-pakkett, nibdew bl-izjed haga semplici, li d-Difiza kkonvincietkom illi l-pakkett ma kienx ghaliha, jigifieri ghas-Sur Unigwe, il-kwistjoni tieqaf hemm, dan il- pakkett mhux tieghu, mela lanqas ghandna ghalfejn naghmlu ezercizzju ta' assocjazzjoni – naraw jekk nidhlu f'dawn il-hsibijiet kollha li ghandna.**

**Jekk pero' intom temmnu l-Prosekuzzjoni, li taghtkom ir-raguni ghaliex intom ghandkom tahsbu li dan il-pakkett huwa ntiz ghassur Unigwe, mela l- ewwel tridu tghidu mela allright wasal ghandu, mela ahna nemmnu, moralment konvinti li dan il-pakkett kien ghalih. Umbaghad tridu tibdew taghmlu din l-analizi. ....**

**L- ewwel tridu taraw kif jinkwadra s-sur Unigwe f' kollox, jinkwadra jigifieri x'inhu, jekk hux kif qed tghid id- Difiza li dejjem biex nghid hekk gie framed, uza kelma, qed jghid li gie framed, inkella kif qed tghid il- Prosekuzzjoni li qed tghid le dan ghamilha ghaliex ried jaghmilha u nqeda b' Charmaine Mizzi. Hemm qeghda, il- kwadru taghna li intom tridu tiddeciedu huwa bazat fuq dawn il-fatturi. .....**

**U l-konsiderazzjonijiet huma cari, lampanti, f' ghajnejja ma hbewlna xejn il-partijiet ghax qalulna car u tond: il-Prosekuzzjoni qalet jiena ghandi a controlled delivery li gejja mill-boghod, li gejja mill-Ingilterra u kollox sar kif suppost, jiena ghandi l-controlled delivery u jiena ghandi x- xiehda ta' Charmaine Mizzi. <u>Id- Difiza x' qed tghidilna? Qed tghidilna haga ohra. Qed tghidilna s-sur Unigwe veru kien fil-karozza, fil- Peugeot, veru li Charmaine Mizzi ghaddietlu l-pakkett, pero' dak il- pakkett ma huwiex tieghi. Dak il- pakkett telqituli hemmhekk.</u> ....**

**L- ezercizzju li jrid isir huwa l- ezercizzju li ghandu jsir fl-ewwel kap – tridu taraw il- provi, tridu taraw il-controlled**

**delivery, tridu taraw ix- xhieda tas-sinjorina Mizzi, tridu ovvjament taghtu kaz ta' dak li qalilkom l-akkuzat ukoll ghax hu offra x-xhieda tieghu - jigifieri meta intom tanalizzaw dawn l- affarijiet kollha umbaghad tibdew taslu ghal konkluzjoni. ….**

**<u>Issa ghaliex spicca hemm hija d- domanda. Spicca hemm ghax jiena ridt lil Charmaine Mizzi li timportali d-droga? Jew ghaliex jiena ma kont naf xejn u Charmaine Mizzi hallietli l-pakkett hemmhekk u bil-Malti pur u safi kif b' mod mhux legali imma biex niftehmu, s-sinjura Mizzi wahhlituli?</u> Hekk qeghda l-bicca, u ma nahsibx li qed inkun zbaljat ghax hekk qed jahseb. Is-Sinjorina Mizzi x' ghamlet u x' ma ghamlitx.** (sottolinjar tal-Qorti)

**49**. Illi minn dawn il-brani li l-Qorti siltet mill-indirizz finali, huwa bil-wisq evidenti li d-direzzjoni li l-Imhallef kien qed jaghti lill-gurija kienet cara u diretta sabiex jiznu l-provi kollha u b'mod specjali biex jaraw jekk jaghtux affidament lill-verzjoni ta' Charmaine Mizzi jew inkella lix-xhieda tal-appellant, li ma ressaqx provi ohra. L-Imhallef stieden lill-gurati sabiex jaghmlu dan l-apprezzament bl-applikazzjoni tad-dritt illi huwa fissrilhom aktar kmieni fl-indirizz.

Finalment ighidilhom hekk :

**Mela rajna x-xhieda kollha, mela jiena fil-fehma umli tieghi jien nahseb ghandkom definitely taghtu daqqa t' ghajn ix-xiehda ta' l-assistent kummissarju Ciappara, tas-sur Unigwe, tiflu sew dak li huwa bil–miktub, umbaghad taraw intom.**

Sabiex b`hekk iggwidahom biex mhux jaghtu kaz biss tax-xiehda tal-Assistent Kummissarju Ciappara u tal-appellant, izda ukoll ta' dak kollu li gie mghoddi lilhom bil-miktub, referenza cara, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal

dik ix-xiehda, fosthom ta' Charmaine Mizzi, fejn ix-xhieda ma xehdux *viva voce*, izda li t-traskrizzjoni tax-xiehda taghhom giet mghoddija lill-gurija bil-miktub. Din is-silta mill-indirizz m` ghandhiex tittiehed in izolament, izda ghandha tinqara fil-kwadru ta' dak kollu li hemm fl-indirizz u d-direzzjonijiet li hemm inghataw lill-gurija.

**50**. Finalment il-Qorti tosserva ukoll illi fil-kors tax-xiehda tal-ex Assistent Kummissarju Norbert Ciappara u allura proprju fl-istadju tal-bidu tal-guri l-Imhallef sedenti mal-ewwel indirizza lill-gurati lejn it-triq li ghandhom isegwu meta jigu biex iqisu x-xiehda ta' Charmaine Mizzi.

Qalilhom hekk :-

**"Intom ser ikollkom fil- pussess taghkom eventwalment ix-xiehda li tat Ms. Mizzi quddiem il- Magistrat Meli u meta xehedet il-Qorti quddiem il-Magistrat Hayman jekk niftakar sew. Hemmhekk intom qed tigu mistiedna minn Dr Lanfranco u frankament qed jaghmel l-istess stedina Dr Montalto, intom tharsu lejha u taraw jekk hemmx divergenzi. Jekk hemm divergenzi dik hija kwistjoni ta' fatt, kwistjoni li tridu tiddeciedu intom."**

Din kienet direzzjoni cara ghall-prova li kienet ser issir permezz tax-xiehda bil-miktub ta' Charmaine Mizzi fejn *a priori* l-gurija giet imwissija sabiex tizen dik ix-xiehda b'kawtela ladarba kien evidenti sa mil-bidunett tal-guri x'kienet ser tkun il-linja difensjonali tal-appellant. Ezercizzju dan li finalment li ghandu isir mill-gurija u mhux mill-Imhallef fl-indirizz finali tieghu.

**"Inoltre, bħalma qal Simon Brown, L.J. f'R. v. Nelson [1997] Crim. L. R. 234, CA (kif ikkwotat f'Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003, p. 464 para. 4-376, u li mieghu din il-Qorti taqbel perfettament:**

> ***"Every defendant, we repeat, has the right to have his defence, whatever it may be, faithfully and accurately placed before the jury. But that is not to say that he is entitled to have it rehearsed blandly and uncritically in the summing up. ….. To play a case straight down the middle requires only that a judge gives full and fair weight to the evidence and arguments of each side. The judge is not required to top up the case for one side so as to correct any substantial imbalance. He has no duty to cloud the merits either by obscuring the strengths of one side or the weaknesses of the other. Impartiality means no more and no less than that the judge shall fairly state and analyse the case for both sides. Justice moreover requires that he assists the jury to reach a logical and reasoned conclusion on the evidence[3]."***

**51**. Bhalma qal Lord Alverstone, C.J. in re R. v. Stoddart (1909) 2 Cr.App.R. 2171 :

> ***"This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice."***

**52**. Din il-Qorti tghid minghajr l-icken esitazzjoni illi f`dan il-kaz ma sehhet l-ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja billi l-gurati kellhom il-provi kollha quddiehom u kienu ben gwidati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri dwar x'kienet il-linja difensjonali tal-appellant. Ghalhekk kellu jkun evidenti ghalihom li kellhom jiznu l-fatti kollha tal-kaz b'mod specjali x-xiehda ta' dawk in-nies li kienu l-protagonisti principali tal-allegata kongura kriminali. Fuq kollox dak huwa l-ghan wara *the trial by jury system* fejn id-decizjoni

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Paschalino Cefai App.Sup. 08/10/2015

dwar il-fatti, u allura l-evalwazzjoni tal-provi, ghandha tithalla interament f'idejn il-gurati, wara li jkunu gew debitament iggwidati fl-indirizz finali dwar ir-regoli ta' dritt li ghandhom jigu osservati meta jsir dan l-ezercizzju.

> ***"The descent of judges into the arena by giving directions or by making comments on the significance that the jury should, or should not, attach to the evidence has not gone uncriticised. There is a concern that the giving of a judicial imprimatur to these directions or observations, particularly in relation to matters that would appear to be matters of common sense, or within the common experience of life, risks giving them an undue prominence. Moreover, they often serve to add considerably to the prolixity of the summing- up, and invite the glazed-eye phenomenon among jurors who are unable to place the guidance they are receiving into context.***
>
> ***In summary then, should there be a retreat from the extent to which judges intrude into the fact-finding function of juries by way of comment or warnings, leaving it to jurors' own common sense and experience? After all, it was by reason of their supposed qualities, as representatives of the community in these areas of reasoning, that the fact-finding process was assigned exclusively to jurors."***[4]

**53**. Jispetta dejjem u esklussivament lill-gurija sabiex tasal ghal decizjoni dwar il-fatti tal-kaz b'mod imparzjali u indipendenti bl-inqas intromissjoni mill-Imhallef li jkun qed jippresjedi l-guri. Id-difiza kellha okkazjoni sabiex fl-arringa finali tipprezenta quddiem il-gurija l-linja difensjonali taghha u sabiex din tkun mistharrga mill-istess gurija fid-deliberazzjoni finali.

**54**. L-istess hsieb japplika ukoll fir-rigward tal-ilment ventilat mill-appellant fir-rigward tax-xiehda ta' omm Charmaine Mizzi, Anna Mizzi, billi kellu jkun imholli unikament f'idejn il-gurati bhala l-imhallfin tal-fatt illi

---

[4]www.lawreform.justice.nsw.gov.au

jiznu l-provi li kellhom quddiemhom u dak mistqarr minn kull xhud, u jaghzlu min minn dawn ix-xhieda kellu jinghata affidament u min le, b'dan ghalhekk illi ma kienx fil-kompitu tal-Imhallef li jigbed l-attenzjoni tal-gurati dwar il-kredibbilita' o meno tax-xhieda. Dan il-kompitu kien jispetta lil gurija u lil hadd iktar.

**55**. Illi l-appellant jilmenta ukoll, u dan dejjem b'referenza ghax-xiehda ta' Charmaine Mizzi, illi l-Imhallef fl-indirizz finali naqas milli jispjega lil gurija l-import ta' l-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali liema disposizzjoni tal-ligi tiddisponi illi:

> **Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.**

**56**. Minn qari ta` din id-disposizzjoni tal-ligi, huwa bil-wisq evidenti illi t-twissija li tinkombi lill-Qorti meta jsir indirizz lill-gurati ma tghoddx ghall-kaz tal-lum, kif gustament irrileva l-Avukat Generali fir-risposta, ghaliex Charmaine Mizzi ma kellhiex il-figura ta` komplici fit-termini tal-ligi. Kif jirrizulta mix-xiehda tal-oghla ufficjali tal-pulizija involuti fl-investigazzjoni, qatt ma waqa' suspett fuq Mizzi illi kienet involuta f'din il-kongura kriminali wara l-istadju inizjali tal-istharrig, u qatt ma kienet meqjusa bhala persuna suspettata, u wisq anqas bhala komplici fil-kummissjoni tar-reat. Qatt ma ttiehdu proceduri penali kontra taghha u dejjem baqghet titqies biss bhala xhud. Dan ifisser illi ma kienx hemm il-htiega illi fl-indirizz tinghata d-direttiva kif imfissra fid-disposizzjoni tal-ligi citata. Mhux biss izda jekk Mizzi bhala xhud unika kontra l-appellant kellha tkun emnuta, kif jidher li fil-fatt sehh skont il-verdett, ix-xiehda taghha wahedha tikkostitwixxi prova sufficjenti skont il-ligi ghas-sejbien ta' htija.

**57. Ghal dawn il-motivi, anke dan l-aggravju qed ikun michud.**

**Ikkunsidrat :**

**58**. Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-aggravju tal-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi. L-appellant jikkontendi illi huwa kien misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza ghaliex, skont hu, kif jemergi mill-provi, ma kellu l-ebda involviment fl-importazzjoni tad-droga li kienet tinsab f`pakkett li wasal bil-posta min-Nigerja kontenenti filter taz-zejt ta' trukk, liema pakkett kien indirizzat lil Charmaine Mizzi.

**59**. Ghadd kienu l-okkazjonijiet fejn din il-Qorti sahqet b`mod konsistenti mal-gurisprudenza ta` dawn il-qrati illi meta tkun rinfaccjata b'aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi toqghod lura milli tiddisturba l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti ghaliex l-Imhallfin tal-fatt kellhom il-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux biss jisimghu il-provi, iżda li jaghmlu evalwazzjoni ta' l-imġieba u l-komportament tal-persuni li xehdu quddiemhom, liema analiżi kienet essenzjali sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom.

> **'Hawn naturalment qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' revizjoni u, in ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri, ilgurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu fl-att ta' akkuza skond il-verdett minnhom moghti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma**

**tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat**[5].

**60**. Madankollu, din il-Qorti sejra xorta waħda tevalwa l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni biex tistabilixxi jekk il-ġurati setgħux b'mod raġonevoli u legalment jaslu għall-verdett tagħhom.

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat ilprincipju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.[6]**

---

[5] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008 Ara, ukoll fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[6] Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt fl-1 ta' Dicembru 1994

**61**. Illi ezaminati mill-gdid l-atti processwali u allura kemm il-provi li tressqu fil-guri kif ukoll fl-atti tal-kumpilazzjoni jemergu s-segwenti fatti probatorji :

**i.** Fit-02 ta' Awwissu 2006 l-Ispettur Nobert Ciappara jigi infurmat mis-superjur tieghu l-Assistent Kummissarju Pawlu Debattista li kienet waslet informazzjoni mill-pulizija ingliza li dahal pakkett gewwa l-Ingilterra gej min-Nigerja indirizzat lil certa Charmaine Mizzi f'indirizz gewwa Malta li kien fih sustanza suspettata droga.

**ii** B'awtorizzazzjoni tal-Inkwirenti, l-Ispettur Pierre Grech jitla' l-ajruport ta' Heathrow gewwa Londra, u jnizzel dan il-pakkett Malta. Mal-wasla tieghu Malta, fil-presenza tal-Ufficjali tad-Dwana u tal-esperti nominati fl-inkjesta magisterjali, il-pakkett jinfetah u gewwa fih jinstab *filter* taz-zejt ta' karozza u fih mohbi ikun hemm id-droga kannabis u kokajina.

**iv.** Jithejja mill-pulizija pakkett iehor *decoy,* b'filter gdid simili ghal dak importat, mixtri mill-pulizija. B'awtorizzazzjoni tal-Inkwirenti, il-pakkett *decoy* jigi sigillat, u l-Ispettur Pierre Grech flimkien mal-ufficjali tad-Dwana jergghu jitilghu l-ajruport, u jitfghu l-pakkett fis-sistema biex jingabar u jigi distribwit mill-*courier* li kien gie uzat, TNT Malta.

**v**. L-ghada il-pakkett jigi kkonsenjat lil Charmaine Mizzi fl-indirizz indikat fuqu u cioe' 35, Triq il-Parrocca, Luqa. Taccetta dan il-pakkett omm Charmaine, Anna Mizzi billi f'dak il-hin Charmaine tallega li kienet rieqda. Charmaine ghandha seba' xhur tqala.

**vi**. L-Ispettur Ciappara flimkien ma' zewg pulizija ohra jmorru fuq il-post u in forza ta' mandat ta' tfittxija jsibu l-pakkett ghand Mizzi, wara li din tikkonsenjahulhom fil-pront. Mizzi hawnhekk tindika lill-pulizija illi d-destinatarju tal-pakkett kien l-appellant. Tghidlhom illi dan Isaac huwa konoxxenza taghha, li talabha l-indirizz tad-dar taghha sabiex il-pakkett jasal ghandha ghalkemm lilha ighidilha illi dan kien fih *filter* ta' vettura. Wara ftit titubanza tghid li accettat.

**vii**. Ftit qabel Mizzi tghid li l-appellant kien ikkomunika maghha u nfurmaha illi l-pakkett kien ghoddu biex jasal u biex toqghod ghassa ghal tal-posta. Ighidilha li l-pakkett kellu jasal mill-Ingilterra. Tghid izda li meta wasal il-pakkett mal-ewwel ghorkitha rasha illi dan kien jidher gej min-Nigerja u mhux kif kien qalilha l-appellant.

**viii.** Mizzi taccetta li tassisti lill-pulizija f'din l-investigazzjoni u tibqa' issostni illi hija ma kenitx taf x'kien fih il-pakkett.

**ix**. Issir konsenja kontrollata ohra u dan wara li Mizzi tinforma lill-appellant li l-pakkett kien wasal u tiftiehem biex tiltaqa' mieghu. Dan isehh taht ghajnejn il-pulizija li jkunu qeghdin ighassu din l-operazzjoni.

**x.** Mizzi tikkonsenja l-pakkett lill-appellant hekk kif jasal bil-vettura tieghu tal-ghamla Peugeot fl-akkwati tar-residenza taghha. L-appellant ighaddi s-somma ta' Lm 50 lil Mizzi bhala rigal ghal eghluq sninha f'ghaxar karti tal-flus f'denominazzjoni ta' Lm 5 kull wahda. Dan il-kuntatt bejn dawn it-tnejn min-nies jiehu biss ftit minuti.

**xi**. Hekk kif twarrab Mizzi minn hdejn l-appellant, il-pulizija jwaqqfuh u jarrestawh. Hu jkun ghadu bil-qieghda fis-sedil tas-sewwieq bil-vettura startjata.

**xii.** Meta ssir tfittxija fil-vettura tal-appellant jigi elevat il-pakkett, flimkien ma' zewg telefowns cellulari u wkoll karta mahruga mill-Bank of Valletta minn fejn jirrizulta *money transfer* ta' $20,000 Dollaru Amerikan. Fil-vettura jinstab ukoll ammont zghir ta' droga kannabis.

**xiii**. L-appellant jigi arrestat u interrogat mill-pulizija, izda l-istqarrija tieghu tigi dikjarat inammissibbli bhala prova mill-Qorti Kriminali b'verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017 billi kienet mehuda minghajr l-assistenza ta' avukat.

**62**. Dawn il-fatti kienu kollha esposti ghall-konsiderazzjoni tal-gurija. L-appellant ressaq difiza wahda u cioe' illi l-pakkett li Charmaine Mizzi tghid lill-pulizija li kien destinat ghalih, fil-fatt ma kienx tieghu, u ma kien jaf xejn dwar il-wasla ta` dak il-pakkett gewwa Malta. Isostni li Mizzi mplikat lilu ntortament u ddahhal fl-istorja, meta dak il-pakkett ma kienx intenzjonat jew destinat ghalih.

**63**. In sostenn ta' din id-difiza, l-appellant ghazel li jixhed u b`hekk irrinunzja ghall-jedd tas-silenzju. Irrakkonta li huwa kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma' Charmaine Mizzi, u li t-tarbija li din kienet qed tistenna kienet fil-fatt tieghu. Ipprova jwaqqa' l-kredibbilita' ta' dak li xehdet Mizzi meta din stqarret li huwa kien biss konoxxenza taghha. L-appellant jixhed illi kienet Charmaine Mizzi l-persuna involuta f'din l-importazzjoni tant illi hija ghazlet li tahrab lejn l-Olanda proprju lejliet li kellu jigi celebrat il-guri

sabiex ma tkunx kostretta titla' fuq il-pedna tax-xhieda u tiddeponi. Ighid illi dan huwa fatt li jemergi mix-xiehda ta' ommha Anna Mizzi li meta xehdet fil-guri pprovat tahrab il-mistoqsijiet li kienu mirati sabiex jigi stabbilit fejn kienet tinsab bintha bix-xhud tibqa` tinsisti li ma kenitx taf fejn kienet tinsab u li ma kenitx taf x`kien sar minnha.

**64**. Illi fl-arringa finali, id-difensur tal-appellant iqieghed dawn il-kweziti ghall-konsiderazjoni tal-gurati u jistedinhom ripetutatment sabiex jiznu ix-xiehda ta' Mizzi bhala l-uniku xhud li tohloq in-ness mal-appellant u x-xiehda tal-appellant li jishaq illi hija wahda aktar verosimili u li hija imsahha bil-provi cirkostanzjali. Fl-ahhar ighidilhom hekk :-

> **"Isaac Unigwe qaghad hawnhekk u rajtu, gejtu mistiedna taghmlu d-domandi li kellkom taghmlulu u hekk sar.**
>
> **U Charmaine Mizzi x' ghamlet? Charmaine Mizzi harbet, ma hemmx kelma ohra kif tiddeskriviha, Charmaine Mizzi harbet biex tevita li tigi hawn, ma kienetx kuntenta harbet, bghatet lil ommha tigdeb ghaliha. U dik hija l-istar witness tal-Prosekuzzjoni. Dik hija l- istar witness ta' l-Prosekuzzjoni, li tigdeb, li tahrab, li tibghat lil ommha tigdeb ghalih."**

Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-messaggi li hemm fic-cellulari taghha jindikaw car u tond illi hija fil-fatt kellha relazzjoni ma' l-appellant, fatt illi hija ma ssemmix, u tghid illi l-appellant kien biss habib taghha u li ghamliltlu pjacir meta rceviet il-pakkett ghan-nom tieghu.

**64**. Mhux hekk biss, izda d-difiza tipprova tifta' dell fuq l-investigazzjonijiet tal-pulizija u l-mod kif tmexxew billi tistaqsi x'kien il-

mottiv wara d-decizjoni tal-pulizija illi Mizzi ma tkunx meqjusa ukoll bhala persuna suspettata ladarba l-pakkett kien indirizzat lilha u hi kienet il-persuna li rcevietu. Tistaqsi d-difiza ghaliex il-pulizija ghazlet li temmen minnufih dak li stqarret maghhom Mizzi illi l-pakkett ma kenitx taf x`kien fih, u li kien destinat ghall-appellant li uzaha sabiex il-pakkett jitwassal ghandu bl-inqas suspett, kif ukoll ghaliex ma sarux investigazzjonijiet ulterjuri sabiex jivverifikaw il-fatti li kienet qed tghidilhom Mizzi.

**65**. Din il-Qorti tibda biex tosserva illi l-fatti probatorji kollha gew spjegati b'mod ezawrjenti mid-difiza lill-gurati. *Eppure'* xorta ghazlu li jaghtu affidabbilita' lill-verzjoni moghtija minn Charmaine Mizzi, ghalkemm raw lill-appellant jixhed quddiemhom *viva voce,* fejn dan ipprova ixejjen dak mistqarr minn Mizzi. Fuq kollox il-gurija ghaddiet biex illiberat lill-appellant minn dawk il-Kapi fl-Att ta' l-Akkuza fejn deherilha li ma setghetx tasal ghas-sejbien ta' htija.

**66**. Dan maghdud il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ghalkemm huwa minnu illi Charmaine Mizzi qatt ma giet meqjusa bhala persuna suspettata u interrogata u nvestigata mill-pulizija sabiex jigi stabbilit jekk tassew kienx hemm ness bejnha u bejn il-pakkett li wasal ghandha, madanakollu dan ma ifissirx b'daqshekk illi l-appellant huwa ezonerat minn kull responsabbilita penali. Ma jfissirx b'daqshekk illi l-appellant ma kienx kompartecipi fil-kongura kriminali.

**67**. Ibda biex ghalkemm l-appellant ighid illi huwa kellu relazzjoni extra-konjugali ma' Mizzi u li t-tarbija li kienet qed tistenna kienet tieghu, fatt li Mizzi tonqos milli ssemmi fix-xiehda taghha meta tghid li dan kien biss konoxxenza taghha, ghalkemm dan jista' jixhet dawl fuq il-kredibbilita' ta'

dawn it-tnejn minn nies, madanakollu b'daqshekk dan ukoll ma jwassalx biex jezonera lill-appellant kompletament, kif qed jipprova ighid hu.

**68**. Il-provi ndizzjarji li hemm fl-atti, kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellant, ghalkemm wahedhom ma jistax ikollhom piz, meta mbaghad jittiehdu in konsiderazzjoni fl-assjem tal-provi, jindikaw illi l-appellant kien involut f'din il-kongura kriminali. Dan ghaliex :

i. Hemm messagg li huwa imnizzel bhala "saved" fic-cellulari tal-appellant u li jgib id-data tat-22 ta' Lulju 2006 fil-hin 22:23 li ighid hekk : "Charmaine Mizzi 35, Parish Street, Luqa LQA03". Dan jikkorrobora dak li tghid Mizzi illi l-appellant kien talabha l-indirizz tad-dar taghha xi hmistax qabel il-wasla tal-pakkett. Li kieku kien minnu li l-appellant kien ilu f'relazzjoni extra-konjugali ma' din Mizzi ghal madwar sena, ma jaghmilx sens li jitlobha l-indirizz fejn tirrisjedi ftit zmien biss qabel il-wasla tal-pakkett. Lanqas ma jaghmel sens illi dan l-indirizz huwa jnizzlu mas-"saved messages" fic-cellulari tieghu meta xehed illi huwa kien qed jipprova jostor din ir-relazzjoni mill-familja tieghu.

ii. Hemm zewg messaggi li Mizzi tibghat lill-appellant fil-hin meta hija kienet diga' giet imwaqqfa mill-pulizija, wiehed li jgib il-hin 14:25 u iehor 16:52 fil-jum tal-04 ta' Awwissu 2006, id-data meta wasal il-pakkett ghand ix-xhud. Fl-ewwel wiehed Mizzi tghid hekk lill-appellant : "*Isaac your package came ok babe*" u l-iehor : "*don't get me flowers ok cos I don't have where to put them ok sweet*." Ghalkemm l-appellant ighid illi ma setax jifhem l-import ta' dawn il-messaggi meta jirceviehom, madanakollu fil-hin bejn is-saghtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar sa meta jiltaqa' ma' Mizzi

iktar tard, ma jistaqsieha fl-ebda mument x'riedet tfisser b'dawn il-messagg iktar u iktar meta jaraha diehla fil-vettura tieghu proprju b'pakkett f'idejha.

iii. L-isem tal-appellant fic-cellulari ta' Mizzi huwa indikat bhala 'Michael'. Minn dan ic-cellulari isiru diversi telefonati lil dan 'Michael' fil-31 ta' Lulju 2006, fit-03 ta' Awwissu u fl-04 ta' Awwissu 2006, u mhux qabel, ghalkemm skont l-appellant hemm relazzjoni ghaddejja bejniethom fejn huwa juza in-numru MSISDN 9923 2058 unikament biex jaghmel kuntatt ma' Mizzi u biex jikkomunikaw ma' xulxin biss permezz ta' telefonati. Dan jikkonferma li kien hemm kuntatt bejn l-appellant u Mizzi fil-jiem precedenti il-wasla tal-pakkett u li allura jista' jikkorrobora dak li qalet Mizzi meta tghid li l-appellant kien qed jaghmel kuntatt maghha sabiex jara jekk il-pakkett wasalx ghandha.

iv. L-appellant isostni illi fiz-zmien meta huwa gie arrestat fuq dan il-kaz huwa kien jahdem bhala *pool attendent* f'lukanda, kien mizzewweg b'zewgt itfal u l-mara tieghu ma kenitx tahdem, izda mid-dokumenti bankarji esebiti jirrizulta illi minn taht idejh ghaddew ammonti sostanzjali ta' flus. Jissemma l-ammont ta' $20,000 Dollaru Amerikan li ntbaghtu lil certu Kayaba Kattar Ali *Spare Parts Trading Company Limited* gewwa Dubai, li jidhru riflessi fid-depozitu ta' Lm 7000 fil-kont bankarju tal-appellant liema depozitu sar ftit zmien qabel l-04 ta' Awwissu 2006, konvertiti f'Dollari Amerikani u mibghuta kif inghad. Fuq dawn il-flejjes izda ma sarux investigazzjonijiet ulterjuri mill-pulizija.

v. L-appellant jibghat $20,000 Dollaru Amerikan lil dan Kayaba gewwa Dubai meta jghid li lanqas jaf min hu u jaghmel dan unikament ghax ighidlu huh li ghandu bzonn il-flus minhabba f'xi negozju. F'dan iz-zmien ighid illi huh lanqas kien jinsab gewwa Dubai, izda kien qieghed il-Congo. L-appellant tul l-*iter* processwali kollu qatt ma ressaq lil dan huh bhala xhud in difeza, sabiex il-Qorti ssib ruhha rinfaccjata biss b'mera allegazzjoni u bl-ebda fatt ippruvat, ghall-inqas sal-grad mistenni mid-difiza fil-kamp penali.

vi. Meta jiddepozita s-somma ta' Lm 7000 il-bank jikkontendi illi dawn il-flejjes jikkostitwixxu r-rikavat mill-introjtu tieghu, minn ghajnuna li rceva minghand il-familja tal-mara tieghu, kif ukoll minghand xi hbieb, izda b`koincidenza fuq il-karta tad-depozitu tal-flus tal-bank hemm indikat illi l-provenjenza ta' dawk il-flejjes hija marbuta ma' negozju ta' *spare parts* ta' karozzi. Meta mistoqsi kemm mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll mill-Ewwel Qorti, l-appellant jichad illi kien hu li ghadda din l-informazzjoni lill- bank, ghalkemm jidher illi kien mar wahdu biex jaghmel dan id-depozitu. Ftit tal-hin wara dawn il-flus jigu zbankati u jintbaghtu permezz ta' bank draft lil Kabaya, kif inghad gewwa Dubai konvertiti fl-ammont ta' $20,000 Dollari Amerikani.

vii. Ghalkemm l-ex Assistent Kummissarju Norbert Ciappara jghid illi ma setax jigi stabbilit ness bejn dawn il-flejjes u l-investigazzjoni marbuta mal-importazzjoni tad-droga, madanakollu meta jixhed l-appellant u jipprova jaghti spjegazzjoni dwar kif dawn il-flus gew fil-pussess tieghu, u ghaliex intbaghtu Dubai ghand persuna li lanqas biss jaf min hi, izda ghax ighid li dawn kienu intenzjonati

ghal huh, huwa evidenti illi x-xiehda tieghu m'ghandhiex mis-sewwa u kwindi il-kredibilita` tieghu kienet skossa.

**69.** Illi esposti dawn il-fatti probatorji u d-diskrepanzi li huma evidenti fix-xiehda tal-appellant, allura huwa ma jirnexxielux sal-grad tal-probabbli ixejjen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mix-xhud Charmaine Mizzi ghar-rigward tal-wasla tal-pakkett bid-droga gewwa Malta li kien destinat ghalih.

**70**. Ibda biex li kieku huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi Mizzi kellha relazzjoni mieghu u kienet qed tistenna tarbija minnu, x'interess seta` kellha li tisposta r-responsabbilta' ghal agir kriminali taghha fuq l-appellant u mhux fuq persuna ohra, ladarba jidher illi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet miexja tajjeb? Mhux biss izda il-Qorti tistaqsi ukoll x'kien il-mottiv ghala l-appellant, li kien is-sieheb ta' Mizzi li minnu din it-tfajla kienet qed tistenna tarbija, u li kienu tant intimi li kien imur jiltaqa' maghha u jigborha spiss ftit 'il boghod mid-dar taghha kif jallega, ghalfejn hemm messagg, kif tistqarr Mizzi, fejn huwa qed jitlobha l-indirizz tad-dar taghha gimghatejn biss qabel il-wasla tal-pakkett? Tkompli tistaqsi din il-Qorti: Ghaliex meta Mizzi tibghatlu messagg li wasal il-pakkett, l-appellant ma jistaqsix fil-pront ghal xiex qeghda tirreferi, jekk ma kien jaf xejn dwar dan, izda minflok imur jiltaqa' maghha xortawahda aktar tard matul l-istess jum?

**71**. Illi l-pulizija li kienu qed ighassu l-operazzjoni tal-konsenja tal-pakkett, kollha jindikaw illi Charmaine ghaddiet il-pakkett lill-appellant u hu accettah. Li kieku huwa ma kien jaf b'xejn dwar dan il-pakkett zgur li kien jistaqsieha x'kien fih u ghaliex kienet qed tghaddiehulu, izda ma jidhirx li dan sehh u tefghu hdejh fuq is-sedil tal-passiggier. Mhux biss izda meta Charmaine Mizzi twarrab, il-pulizija jghidu li l-vettura baqghet startjatha li jindika car u tond li l-iskop ghall-inkontru bejnu u bejn Mizzi kien unikament ghall-konsenja tal-pakkett u xejn izjed. L-appellant lanqas ma jista'

jitwemmen meta jsostni illi Charmaine Mizzi nizlet mill-vettura tieghu biss ftit minuti wara li kienet rikbet bl-iskuza li kienet insiet xi haga d-dar u marret ghaliha, ghaliex li kieku dan kien minnu f'dawk il-ftit minuti meta sehh l-iskambju, l-appellant ma kienx ikollu ghalfejn ighaddilha *envelope* b`Lm 50 bhala rigal tal-*birthday* (dan kif dejjem isostnu hu u Mizzi), izda kien jistennieha tigi lura u ighaddiehom lilha aktar tard matul is-serata.

**72**. L-appellant ghalhekk b'dawn il-fatti probatorji ma jistax jichad illi huwa kien injar ghal kollox mill-esistenza ta' dan il-pakkett ghaliex huwa car illi kien qed jistenna l-wasla tieghu u lil Mizzi tikkonsenjah lilu. Illi l-Qorti, bhall-gurija qabilha, m`ghandhiex ghalfejn tihdol f`indagini ta` jekk Charmaine Mizzi kenitx kompartecipi f'din il-kongura kriminali, ghaliex jekk dan il-fatt jirrizultax o meno ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' penali tal-appellant. L-unika difiza li jressaq l-appellant huwa li ma kienx jaf bl-esistenza ta' dan il-pakkett li jibqa' jghid li ma kienx destinat ghalih, fatt illi huwa ghal kollox inverosimili. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda mottiv ghaliex ghandha titbieghed mill-fehma espressa mill-gurija fil-verdett taghha.

**73. Ghar-ragunijiet kollha fuq imfissra, l-aggravju tal-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**74**. Jifdal li jitqiesu l-ahhar zewg aggravji, u cioe` l-entita` tal-piena karcerarja u l-hlas tal-multa, kif ukoll il-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali.

**75**. Illi l-appellant kien ikkundannat ghal piena ta' tmien snin prigunerija u multa ta' hamest elef ewro (€5000), wara li l-Ewwel Qorti qieset is-sottomissjonijiet li saru miz-zewg nahat. L-appellant izda jilmenta illi l-piena nflitta kienet eccessiva ghal numru ta' ragunijiet, li madanakollu ma jsemmix fir-rikors tal-appell. Fis-sottomissjonijiet bil-fomm li saru quddiem din il-Qorti, l-appellant, ghalkemm jaccetta li l-piena kienet fil-parametri tal-ligi, jirrileva li l-Ewwel Qorti kien messha hadet in konsiderazzjoni it-trapass twil taz-zmien minn meta sehh il-kaz lura fl-2006, liema dilungar fil-proceduri ma kienx jahti ghalih l-appellant, li dejjem kien prezenti ghal kull seduta quddiem il-Qorti u bl-ebda mod ma fixkel l-*iter* tal-kawza. Jikkontendi ukoll illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena bhala kumpens ghaz-zmien li gie imcahhad mil-liberta' tieghu meta kien akkuzat intortament f'kaz iehor li illum ghadda in gudikat fejn gie illiberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**76**. Illi jibda biex jinghad illi r-ragunijiet indikati mill-appellant li, fil-fehma tieghu, ghandhom iwasslu ghal mitigazzjoni fil-piena, kollha kienu esposti quddiem l-Ewwel Qorti. Din, fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi, ghaddiet biex timponi il-piena u l-multa surreferiti. Mhux biss, imma ghalkemm fis-sentenza appellata ma jinghatawx ir-ragunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghall-kalibrazzjoni tal-piena inflitta, madanakollu bil-fatt illi l-piena erogata tqarreb iktar lejn il-minimu stabbilit fil-ligi, huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-Ewwel Qorti ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha fil-milja taghhom. Tajjeb jinghad li l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jistabilixxi piena ta' mhux inqas minn erba' (4) snin prigunerija iżda mhux iżjed minn tletin (30) sena, u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67). Huwa mill-aktar evidenti li l-piena erogata kienet wahda li tqarreb ferm lejn il-minimu.

**77**. *Di piu'* hija l-fehma ta' din il-Qorti illi kazi ohra (mhux dan) fejn l-appellant ghadda minn process gudizzjarju regolari u skont il-ligi, u kien mehlus minn kull imputazzjoni u piena, m`ghandu jkollhom piz ta` xejn fuq kazi ohra (inkluz dan) li huma distinti. Din il-Qorti ma tistax tnaqqas iz-zmien li l-appellant ghamel taht arrest preventiv fil-kaz l-iehor bhala donnu xi forma ta' tpattija jew radd lura ta' zmien fejn seta` kien imcahhad mil-liberta` personali tieghu minhabba l-kaz l-iehor. Qed jinghad dan ghaliex :-

> **"Juridical punishment can never be administered merely as a means for promoting another good either with regard to the criminal himself or to civil society, but must in all cases be imposed only because the individual on whom it is inflicted has committed a crime. For one man ought never to be dealt with merely as a means subservient to the purpose of another... He must first be found guilty and punishable before there can be any thought of drawing from his punishment any benefit for himself or his fellow citizens. The penal law is a categorical imperative; and woe to him who creeps through the serpent-windings of utilitarianism to discover some advantage that may discharge him from the justice of punishment, or even from the due measure of it, according to the Pharisaic maxim: 'It is better that one man should die than the whole people should perish.' For if justice and righteousness perish, human life would no longer have any value in the world.[7]"**

**78**. Illi l-Qorti rat ukoll id-decizjoni li ghaliha saret referenza mid-difiza u cioe` dik moghtija minn din il-Qorti fis-*sede* inferjuri taghha fl-appell fl-ismijiet "**Il-Pulizija v. Jamal Ragib El Badawi**" deciza tat-12 ta' Jannar 2007. Ghal din il-Qorti, huwa mill-aktar evidenti illi meta dik il-Qorti giet biex tippronunzja ruhha dwar il-piena fuq il-hati, ma ghamlet l-ebda

[7] Immanuel Kant

referenza ghall-argument ta' dritt li kien imqanqal mid-difiza dwar xi forma ta' skont jew "*discount*" biex ipatti ghaz-zmien fejn il-persuna koncernata kellha ggarrab tnaqqis fil-liberta` personali taghha qabel kienet dikjarat mehlusa minn kull imputazzjoni u piena f`kaz iehor distint u separat. Ikompli jinghad illi f'dak il-kaz il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ghalkemm dawn ma jissemmewx fid-decizjoni finali.

**79. Huwa ghalhekk illi l-qrati ta` gurisdizzjoni kriminali taghna bl-aktar mod konsistenti sahqu illi l-paraguni bejn kaz u iehor f`materji ta` piena huma odjuzi ghall-ahhar. Kull kaz ghandu l-fatti, storja u cirkostanzi partikolari tieghu li jaghmlu minn dak il-kaz grajja unika. Dan ifisser f`termini reali li kull kaz ghandu jkun gudikat skont il-ligi u fuq il-merti tieghu. Dak ghandu jkun il-*benchmark* ta` kull gudizzju fejn il-jeddijiet tal-persuna huma fic-centru tal-process gudizzjarju. Huwa propju ghalhekk li l-ebda direzzjoni gurisprudenzjali ma ghandha tigi nferita minn decizjoni marbuta ma' kalibrazzjoni ta' piena. Kwistjoni ta` din ix-xorta ghandha tithalla dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid illi l-piena karcerarja u multa nflitti fuq l-appellant ghandhom ikunu kkonfermati.**

**79. Ghalhekk l-aggravju tal-appellant safejn dan jolqot il-piena karcerarja u l-imposizzjoni tal-multa huwa michud.**

**80**. L-appellant jilmenta finalment illi huwa kien akkollat ingustament bl-ispejjez peritali kollha marbuta ma' dan il-kaz, meta jirrizulta li kien liberat minn uhud mill-akkuzi migjuba kontra tieghu. Jishaq illi huwa ma kellux ibati l-ispejjez marbuta ma' akkuzi li minnhom gie lliberat.

**81.** Illi din il-Qorti tqis illi l-appellant ghandu ragun dwar dan l-ilment.

**82.** Madanakollu mill-elenku maghmul tal-ispejjez imhallsa lill-esperti involuti f'dan il-kaz, l-uniku zewg rapporti li b'xi mod kienu marbuta ma' dawk l-akkuzi li minnhom l-appellant gie liberat huma dawk ta'l-Ex Spettur tal-pulizija John Charles Ellul, li kien l-espert inkarigat sabiex jezamina l-passaporti, u wiehed mir-rapporti imhejjija mill-espert xjenzat Mario Mifsud marbut mar-raba kap tal-Att ta'l-Akkuza. Id-dritt imhallas lil dawn l-espert kien jammonta ghal €92.80 u €255.97 rispettivament u kwindi huma dawn l-ammonti biss li l-Qorti tista' tnaqqas mill-ammont globali ta'€8001.82 u xejn izjed.

**83**. **L-aggravju qed ikun milqugh limitatament.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-aggravji kollha sollevati mill-appellant, ghajr ghal dak l-ahhar aggravju li jittratta dwar l-ispejjez peritali.**

**Ghalhekk qeghda tikkonferma il-verdett tal-gurija u s-sentenza appellata.**

**Fl-istess waqt qeghda tvarja l-ammont ta' l-ispejjez li ghandu jhallas l-appellant lir-Registratur tal-Qorti kif ighid l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali billi qeghda tistabilixxi l-ammont li ghandu**

**jhallas l-appellant fl-ammont ta' sebat elef sitt mija u tlieta u hamsin ewro, u hames centezmi (€7653.05). Ghalhekk tikkundanna lill-appellant ihallas dan l-ammont hekk ridott.**

**Finalment u dan sabiex jigi issanat n-nuqqas li sehh fl-*iter* processwali quddiem l-Ewwel Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-Sitt Kap ta' l-Att tal-Akuza, billi dan kien irtirat mill-Avukat Generali, din il-Qorti tiddikjara lill-appellant mehlus mill-akkuzi migjuba kontra tieghu fir-Raba', Hames, Seba' u Tmien Kapi ta' l-Att ta' l-Akkuza.**

**S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit Mckeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**